38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

# Ħlas Volontarju ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi 1

## Ħarsa ġenerali

Il-Ħlas Volontarju tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi 1, jsir sabiex ikun evitat li jkun hemm nuqqasijiet fil-lista tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Ir-rata massima tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi I titħallas skont l-Artikolu 13.1 taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.)

## X'se tingħata

Permezz ta' dan il-pagament ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, persuna ssaħħaħ il-lista tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħha u għalhekk l-eliġibbiltà tiegħu / tagħha għal Pensjoni Kontributorja tas-Sigurtà Soċjali.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- L-applikant kien/huwa ordinarjament residenti jew domiċiljat f'Malta matul il-perjodu/i ta' assigurabilità, maħsub biex ikun kopert mill-applikazzjoni
- L-applikant kien/huwa impjegat barra minn Malta jew barra minn xi Stat Membru tal-UE matul il-perjodu/i ta' assigurabilità, maħsub biex ikun kopert mill-applikazzjoni
- L-applikant kien/huwa Impjegat barra minn Malta taħt Kuntratt ta' Servizz matul il-perjodu/i ta' assigurabilità, maħsub biex ikun kopert mill-applikazzjoni

## Dokumentazzjoni meħtieġa

Dokumentazzjoni ġenerali:

- Kopja bl-Ingliż tal-Kuntratt/i ta' Servizz barrani

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.